# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

ONOR.IMĦALLEF GIOVANNI M.GRIXTI LL.M., LL.D

**Appell Numru 331/2019**

**.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Kitanchev Blagoy Zhorov**

**Polihronov Spas Georgiev**

Seduta tat- 28 ta' Ottubru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Kitanchev Blagoy Zhorov** detentur tal-karta tal-identita' Bulgara bin-numru 645791809 u **Polihronov Spas Georgiev** detentur tal-karta tal-identita Bulgara bin-numru 644050427 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Diċembru 2017 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer kif ukoll barra dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmien differenti, iżda

li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Appartjenew għall-għaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkustanzi, f'Malta assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma hux delitt taħt l-Att dwar l-istampa;

U **Kitanchev Blagoy Zhorov waħdu:**

talli fis-16 ta' Diċembru 2017 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kif ukoll barra minn dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmien differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li maghmula b'riżoluzzjoni waħda:

3. Instab fil-pussess ta' jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti kif ukoll li tikkundanna lill-hatja għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Novembru 2019 li biha sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u kkundannat lil **Kitanchev Blagoy Zhorov** għal sitt snin priġunerija u lil **Polihronov Spas Georgiev** għal ħames snin priġunerija. Inoltre kkundannathom iħallsu tlitt elef, mija u

wiehed ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€3,101.91) nofs kull wiehed u dan fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell ta' **Kitanchev Blagoy Zhorov** u **Polihronov Spas Georgiev** intavolat fid-9 ta' Diċembru 2019 li bih talbu lil din il-Qorti **tħassar,** tannulla u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi u tilliberahom minn kull ħtija u piena jew <u>alternattivament</u> **tirriforma** s-sentenza billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u **tvarja** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina penali aggornata tal-imputati prezentata mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li waqt li l-appellanti kienu jinsabu f'Malta, il-Pulizija kienu rcevew informazzjoni mill-Europol illi dawn kienu mgharufa bhala responsabbli ghall-diversi ATM *skimming attacks* fil-Bulgarija u f'pajjizi ohra tant li kienu arrestati gewwa l-Vietnam fis-sena 2013 u li dawn kellhom il-hsieb li jivjaggaw bil-katamaran lejn Sqallija sabiex iwettqu attakki f'Napli. Minn indagini kondotta mill-Pulizija rrizultalha illi l-imputati qatt ma kienu xtraw biljetti ghall-Sqallija u li gia kienu ghamlu *check-in* ghat-titjira ta' ritorn taghhom u b'hekk tqanqal is-suspett li dawn kienu ser iwettqu xi *skimming attacks* f'Malta. Ghalhekk intercettaw lill-imputati fil-kamra ta' appartament li kienet inkriet fuq isem Polihronov Spas

Georgiew. Minn tfittxija li saret fil-bagalji li kellhom il-Pulizija sabet dak li deherilha li huma oggetti relatati ma' *ATM skimming* u ghalhekk ghaddiet ghall-arrest tal-imputati u l-eventwali prosekuzzjoni taghhom;

2. L-imputati ressqu l-appell odjern bil-gravami li qatt ma setghu jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u dan ghar-ragunijiet sia ta' apprezzament hazin tal-ligi kif ukoll tal-fatti bil-gravam alternattiv ghar-riforma fil-piena erogata. Illi jokkorri ghalhekk illi jsir ezami tal-provi kollha akkolti sabiex din il-Qorti tkun f'qaghda tiddeciedi jekk il-Qorti tal-ewwel grad setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom;

3. **L-Ispettur Matthew Vella** xehed li kien irċieva informazzjoni mill-Europol li z-zewg imputati li kienu telqu mill-Bulgarija lejn Malta huma magħrufa għal skimming attacks fuq l-ATM's kemm ġewwa l-Bulgarija kif ukoll ġewwa pajjiżi oħra u kienu arrestati gewwa l-Vietnam fis-sena 2013. Kien hemm suspett li dawn kellhom jaqbdu l-katamaran lejn Sqallija sabiex iwettqu *skimming attacks* gewwa Napli. Irrizultalu li l-imputati kienu dahlu Malta fit-12 ta' Dicembru 2017, kellhom jirritornaw il-Bulgarija b'titjira tas-16 ta' Dicembru u kienu gia ghamlu *on line check in* u ma kellhomx *check in luggage*. Il-Pulizija, izda, traccat lill-imputati f'appartament u bis-sahha ta' mandat ta' arrest u tfittxija minn ezami tal-appartament instabu zewg bicciet ta' hadid suspettuzi f'bagalja li Blagoy Zhorov qal li kienet tieghu;

4. L-appartament kien inkera mill-imputat Spas Polihronov ghal zewg minn nies u l-Pulizija kellha suspett illi z-zewg bicciet hadid jintuzaw sabiex isir *ATM deep insert skimming* u t-tfittxija kompliet fil-basket ta' Spas Polihronov fejn hemm instabu *laptop* zghir, *pendrives* u wires u ghalhekk kienu arrestati. L-imputati kienu interrogati u rrilaxxjaw stqarrija l-kontenut ta' liema ser ikun riprodott aktar 'l quddiem u dan a skans ta' ripetizzjoni. Ix-xhud ma rrizultalux li l-imputati kellhom xi konnessjoni ma' pajjizi ohra waqt li kienu Malta. Sal-hin tal-arrest ma kienx irrizultalu li l-imputati kienu avvicinaw jew resqu lejn ATM's f'Malta u dan wara li tkellem mal-banek BOV, HSBC u APS. Spjega kif Blagoy kien cahad li dawk iz-zewg bicciet hadid kienu tieghu u qal li l-basket kien issellfu minghand habib tieghu u li kien sab il-hadid f'dan il-basket.

5. **PC 724 Marco Pisani** kien involut fit-tfittxija u qal li z-zewg bicciet pjanci tal-hadid rqaq hafna instabu fil-basket li Blagoy kien indikalhom li kien tieghu. Dawn instabu f'wieħed mill-*pockets* tal-bagalja u l-imputat kien ċaħad li l-għodda hija tiegħu. Jghid ukoll li mingħalih l-imputat Blagoy qalilhom li l-basket kien silifhulu sieħbu. **PS 266 Stefan Decelis** xehed li waqt it-tfittxija Spas kien qal li l-basket ta' fuq is-sodda kien tiegħu u fih instab laptop u xi mobile phones. **PS 856 Conrad Falzon** xehed li kien ukoll involut fit-tfixxija li saret fl-appartament. Qal li huma kienu infurmaw lill-appellanti bid-drittijiet tagħhom u qalulhom li kienu arrestati u kkonferma li fil-baskett ta' Blagoy kienu nstabu żewġ strippi tal-ħadid. **Louis Tabone** kkonferma li ż-żewġ appellanti kellhom booking fid-Dragonara Apartments bejn it-12 u s-16 ta' Diċembru 2017 u li l-booking kien sar minn Spas.

6. Fil-kors tal-Istruttorja kien nominat bhala espert tal-Qorti is-**Sur Samuel Farrugia** sabiex jirrelata dwar iz-zewg bicciet hadid li nstabu fil-basket ta' wiehed mill-imputati Blagoy. Fid-deposizzjoni li fiha spjega r-relazzjoni tieghu l-espert qal li l-ħadid kellhom il-qisien li jikkoinċidi mal-ATM card u ukoll li għandhom il-potenzjal li jidħlu gewwa *cardreader* li jkun mwahhal mal-ATM. Dan il-hadid ghandhom gargi li jistgħu jimbottaw oġġetti ġol-card reader fejn finalment trid twassal l-iskimmer. Jistgħu wkoll jinħarġu oġġetti minn ġol-card reader bl-istess hadid. Fl-ezami ta' dawn l-oggetti irnexxielu jimbotta card ġol-card reader permezz ta' dan l-oġġett u ghalhekk kwalunkwe oġġett ieħor li jaqa' taħt il-parametri tal-wisgħa u l-ħxuna tal-card reader jista' jiddeffes permezz ta' dan l-oġġett. Huwa kien qabbad ATM Card Reader ma' test ATM u irnexxielu jiftaħ il-card reader u jdaħħal it-test card li kienet ġol-card reader liema test card hija komuni u standard;

7. Fir-rapport tiegħu x-xhud a fol 64 jirrelata hekk;

> '*L-esibiti ġew ippruvati biex jidħlu ġewwa l-card reader pero' għalkemm il-wisgħa tal-esibiti huma daqs card ta' atm, ix-shutter ma nfetaħx.*
> *Ġie nnutat li jekk titpoġġa il-card fuq l-esibiti u jiddaħħlu flimkien ġewwa il-card reader, ix-shutter jiftaħ mingħajr problemi. La darba s-shutter tkun fetħet l-esibiti setgħu jiddaħħlu fil-card reader. Is-sensiela ta' ritratti qegħdin juru kif sar dan l-eżerċizju. Ir-ritratt numru 14 juri l-card reader minn ġewwa mingħajr l-esibiti. Ir-Ritratt numru 15 juri kif jidher l-esibit minn ġewwa l-card reader. Instab li permezz tal-*

*ATM card wieħed jista' jdaħħal l-esibiti fil-card reader ta' ATM. Ir-ritratt numru 19 qed juri l-garġi (immarkat b'ċirku aħmar) fejn iggwidaw u mexxew il-card bankarju ġewwa l-card reader (fol.68). L-istess metodu kien applikat fuq it-tieni esibit u r-riżultati kienu identiċi.'*

8. L-istess espert kkonkluda:

*'Illi l-esibiti għandhom il-kapaċita' li jidħlu ġewwa l-card reader u li kapaċi jmexxu oġġett ġewwa l-card reader. U li kwalunkwe oġġett ieħor bl-istess parametri tal-qisien tal-card reader, jkun jista' jiġi imbuttat ġewwa il-card reader. U potenzjalment anki jinħareġ mill-istess card reader.'*

9. **Dr Martin Bajada,** nominat mill-ewwel Qorti bhala espert fl-informatika, xehed dwar ir-relazzjoni tieghu rigward iz-zewg telefons ċellulari minnu ezaminati u li dawn huma kollha msakkra bil-pin u b'codes. Huwa ezamina ukoll pendrive, SD card u laptop izda ma nstab xejn relatat mal-iskimming. L-external hard drive kienet battala. Rrelata ukoll li mill-external hard drive huwa hareg 59 file li huma video clips li għandhom 29 siegħa clips ta' skimming ta' ATM machines. (Dok XMB1).

10. Fl-istqarrija tiegħu Kitanchev Blagoy Zhorov qal li huwa *self-employed businessman* u ghandu bar fil-Golden Sands Holiday Resort gewwa l-Bulgarija u fix-xitwa hu jixtri u jbigħ il-karozzi. Ikkonferma li kien ġie Malta ma' Spas wara li kien sema' hafna dwarha u kien ha vantagg minn prezzijiet irhas ta' vjaggar u akkomodazzjoni. Ma kienx gie Malta mas-siehba u t-tifla tieghu ghaliex it-tifla kellha l-iskola u kien gie biex

jivverifika dak li kien jinghad dwar Malta u kien qed jippjana jigi lura mas-siehba tieghu u bintu. Iz-żewġ biċċiet tal-metall li instabu fil-bagalja tieghu sabhom fiha meta ssellef l-bagalja minghand ħabib tiegħu li semma b'ismu. Wara li rinfaccjat b'allegazzjoni li nhar l-14 ta' Dicembru, 2017 l-Bank of Valletta kienu sabu *deep insert skimmer* li kien ukoll muri lilu, l-imputat wiegeb li kien qed jarah ghall-ewwel darba. Huwa qal li meta kien f'ħabs fil-Vjetnam kien iltaqa' ma' persuna li kienet tifhem f'dawn l-affarijiet. Sieħbu Spas ma kienx miegħu fil-Vjetnam u li f'Malta ma kinux użaw l-ATM's. Caħad li kien ġie Malta sabiex jużaw id-deep insert skimmers. Żied jgħid ukoll li l-biċċiet tal-metall ma kienux intiżi biex jintużaw għal dak li jgħid l-artikolu 310BA(1) tal-Kap 9 wara li dan l-artikolu kien moqri lilu.

11. Polihronov Spas Georgiev qal li hu mekkanik tal-karozzi u dan l-aħħar kien sar self-employed. Huwa qal li kien ġie Malta bħala turist ghaliex kien ghadu kemm ghalaq sninu u ddecieda li jaghti rigal lilu nniffsu wara li kien sema' hafna dwar Malta u kien ġie flimkien ma' Blagoy ghaliex l-akkomodazzjoni kienet tikkonsisti f'appartament u ddecieda ma jigix wahdu. Qal li ma kellu ebda idea dwar x'inhuma l-biċċiet tal-metall u ma jafx bin-nies li semma Blagoy. Mistoqsi ukoll dwar l-iskimmer li l-bank of Valletta allegatament sabu qal li ma kellu xejn x'jaqsam u kull ma ghamel kien li jimxi minn Tas-Sliema ghall-Belt. Huwa kien sema' ħafna dwar l-iskimming kemm fil-Bulgarija kif ukoll fil-Ġermanja. Huwa qal li kien il-Vjetnam ukoll u nnega li kellu xi nkwiet mal-Pulizija fil-Vjetnam. L-unika problema li kellu kienet meta twaqqaf fit-Taiwan minħabba inċident tat-traffiku. Waqt li kienu Malta ma kienu wżaw ebda ATM. Huwa kien sorpriż meta marru l-Pulizija u ma setax jifhem fuqhiex. Huwa

ċaħad li kien ġie ma' Blagoy biex jużaw id-deep skimmers. F'Malta hu ma kien jaf lil ħadd. Huwa ċaħad li qatt kellu xi oġġett li jaqa' taħt l-artikolu 310BA (1) tal-Kap 9 wara li nqralu dan l-artikolu u ċaħad ukoll li kellu x'jaqsam ma' gruppi organizzati.

12. L-Ispettur Fabian Fleri ppreżenta dokumenti mibgħuta mill-Europol. (fol 155). Skont id-dokument a fol 155 iż-żewġ imputati huma responsabbli ta' diversi skimming attacks kemm fil-Bulgarija kif ukoll f'pajjiżi oħrajn. Iż-żewġ persuni kienu arrestati fil-Vjetnam '*for installing devices on ATM's u ġbid illegali ta' flus fis-sena 2013'*.

**L-Aggravji:**

13. Fl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti jillanjaw s-sejbien ta' htija taghhom kwantu r-reat jirraviza l-ipotezi tal-kriminalita' organizzata fl-artikolu 83A (2) tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex ma kienx hemm provi biex l-ewwel Qorti tasal għal din il-konklużjoni. L-appellanti isostnu illi minkejja li l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-prosekuzzjoni rnexxiehla tipprova li huma jappartjenu ghall-ghaqda ta' kriminalita' organizzata, m'hemm ebda ħjiel għal-liema organizzazzjoni qed tirreferi l-Prosekuzzjoni u lanqas ma hemm xi indizju fis-sentenza dwar liema fatti iwasslu ghal din il-konkulzzjoni;

14. Illi l-artikolu 83 A subinciz wiehed u tnejn li bih huma mixlija l-imputati jipprovdu:

*83A.(1) Kull min –*

*(a) jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għal-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar; jew*

*(b) waqt li jkun jaf jew ikollu kawża raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (a), jipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda,ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn erbgħa sa disa' snin.*

*(2) Kull min ikun jappartjeni għal għaqda msemmija fis-subartikolu (1) jeħel għal dak il-fatt biss il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa seba' snin.*

Bis-subartikolu (5) imbaghad:

*(5) L-azzjoni kriminali għal reat kontra d-dispożizzjonijiet ta'dan l-artikolu tista' ssir f'Malta minkejja li l-għaqda ta' persuni jkollha bażi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali tagħha barra minn Malta.*

15. Illi minn ezami ta' dan l-artikolu huwa evidenti li l-prosekuzzjoni kellha l-ewwel u qabel kollox tipprova l-ezistenza ta' xi forma ta' organizżazzjoni kriminali li ghaliha kien allegat li japparjtenu l-imputati, mhux necessarjament bl-isem taghha, u minn hemm tressaq dik il-prova indispensabbli li tistabilixxi n-ness bejn dik l-ghaqda u l-istess imputati sabiex b'hekk ikun pruvat l-element ta' <u>partecipazzjoni</u>. Naturalment mill-

provvedimenti riprodotti *supra* huwa is-subinciz (2) l-aktar rilevanti ghaliex huwa b'dan is-subinciz li l-Avukat Generali jixli lill-imputati. F'dan l-istadju, dak li jrid ikun pruvat allura huwa li l-imputati jappartjenu ghall-ghaqda li ghandha l-hsieb li twettaq reati kriminali soggetti ghal-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar. Il-provi ghalhekk iridu juru li l-imputati "jiffurmaw parti" minn din l-organizżazzjoni u mhux li ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw l-istess ghaliex dak huwa reat differenti minn dak in disamina anke jekk f'parentela vicina;

16. Issa, l-provi akkwiziti fl-istruttorja huma z-zewg bicciet irqaq tal-hadid u l-*hard disk* b'ammont kbir ta' filmati tal-parti numerika ta' ATM fejn okkazjonalment persuni jidhru jintroducu n-numru tal-pin taghhom. Oltre dawn il-provi indizzjarji hemm ukoll dawk ugwalment cirkostanzjali tal-hbiberija bejn l-imputati li hi tali li qatghu il-biljetti tal-ajru flimkien u li wiehed ha hsieb jikri l-appartament ghas-soggiorn taghhom f'Malta. Dawn ma jippuntawx b'mod univoku ghad-direzzjoni allegata mill-prosekuzzjoni la flimkien u anqas individwalment. Lanqas l-informazzjoni miksuba minghand il-EUROPOL ma tallega tali partecipazzjoni jekk din setghet qatt tkun konsiderata bhala prova. Jekk il-provi dwar il-hadida u l-*video footage* kellhom iwasslu ghal sejbien ta' htija dwar reati relatati, dawn wahidhom ma jissodisfawx l-element ta' partecipazzjoni kif ravvizat fl-artikolu 83A(2) tal-Kodici Kriminali. Huwa minnu illi wisq drabi l-prova dwar ir-reat in disamina tkun wahda indizjarja jew hekk imsejha cirkostanzjali u hi bazata fuq inferenzi ghaliex hadd ma jgorr mieghu xi tessera biex juri li hu kompartecipi f'tali ghaqda. Ghalkemm mhux eskluz li indagini approfonditi jistghu jirrendu

filmati, listi jew xhieda in rigward, fil-kaz odjern ma hemm xejn minn dan u ma hemm l-ebda prova diretta jew indizzjarja li tista' b'xi mod twassal lil min irid jiggudika jemmen li l-imputati huma partecipi f'tali ghaqda anke jekk dawn it-tip ta' reati fil-generalita' taghhom ikunu koordinati minn ghaqdiet kriminuzi;

17. L-ewwel Qorti ikkonkludiet illi "*Mill-provi jidher li l-ghaqda twaqqfet barra minn Malta....*" Ezaminati bir-reqqa l-provi, izda, ma hemm xejn li remotament juri li kien hemm xi ghaqda li ghaliha jappartjenu l-imputati. Ir-reat in disamina huwa distint minn dak ipotizzat fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali u donnu jidher li l-ewwel Qorti erronjament applikat wiehed mill-elementi li jikkostitwixxu dan l-ahhar reat, dak tal-assocjazzjoni, ghal dak ipotizzat fl-artikolu 83A (2) meta esprimiet li "*l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi sabiex jitqies li jissussisti dan ir-reat huma (1) ftehim car, (2) bejn aktar minn persuna wahda, (3) dwar delitt li jikkomporta piena ta' erba' snin jew aktar u l-(4) modalita"* u dan ghaliex huwa t-tielet element biss li hu applikabbli ghar-reat in disamina filwaqt li t-tlieta l-ohra huma komunement marbuta mar-reat ravvizat fl-artikolu 48A;

18. L-informazzjoni provenjenti mill-EUROPOL dwar iz-zewg imputati (Dok 1A u 1B fol 155 sa 157) hija siekta dwar l-allegazzjoni ta' partecipazzjoni f'ghaqda kriminali u ghalkemm tghid illi t-tnejn huma responsabbli ghall-*skimming attacks in Bulgaria and aborad,* l-fedina penali taghhom mahruga mill-awtoritajiet Bulgari ma tikkorroborax l-allegati kundanni fil-Bulgarija. Dan qed ikun osservat bhala element ta' precizzjoni fil-kontenut tal-messagg u mhux ghaliex dak li seta' kien

kontenut fil-fedina penali kellu b'xi mod jittiehed bhala indizzju tal-allegata partecipazzjoni. Il-Qorti mhix qed tirriproduci l-messagg provenjenti mill-EUROPOL fl-intier tieghu peress illi dan huwa klawsolat bis-segwenti notament :"*Not to be disclosed in judicial proceedings without the permission of the provider*" anke jekk kien esebit mill-prosekuzzjoni minghajr prova ta' dak il-permess. Madankollu id-dokument kien mifli sew ghal xi indizju in rigward u rrizulta li ma jipprovdi ebda hjiel ta' tali partecipazzjoni;

19. Illi jekk ghall-grazzja tal-argument iz-zewg imputati ftehmu bejniethom barra minn Malta jew malli waslu Malta sabiex iwettqu reati punibbli bi prigunerija dan ma ghandux wahdu jaghti lok ghal sejbien ta' htija fl-artikolu 83A (2) tal-Kodici Kriminali sakemm naturalment mal-wasla taghhom ma ftehmux li, u fil-fatt holqu tali ghaqda ghal-ghanijiet msemmija f'dan l-artikolu;

20. Illi f'dan l-ewwel aggravju l-appellanti iressqu ukoll ghall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti l-kwistjoni ta' gurisdizzjoni kolpita bl-artikolu 83A u dan skond kif jipprovdi s-subartikolu (5) tieghu. L-appellanti jghidu illi dan l-argument kien approfondit fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Fabio Zulian u l-Qorti qed ticcita din il-parti tas-sentenza fl-intier taghha anke jekk din hi simili ghall-kunsiderazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti:

*7. <u>L-aggravju B</u> jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 83A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, cioe'*

*li huwa kien "jappartjeni" ghal "ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar (associazjone per delinquere).*

*8. Tajjeb li ssir referenza ghall-kliem testwali ta' l-ewwel zewg subartikoli ta' l-artikolu 83A:*

*"(1) Kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar, jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlieta sa erba' snin.*

*(2) Kull min ikun jappartjeni ghal ghaqda msemmija fis-subartikolu (1) jista' ghal dak il-fatt biss jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa hames snin".*

*9. Evidentement japplikaw ir-regoli gurisdizzjonali kontenuti fl-artikolu 5 tal-Kodici Kriminali. Mill-provi jidher li l-ghaqda twaqqfet barra minn Malta, jew fl-Italja, jew kif tirrimarka l-ewwel Qorti stess, fir-Rumanija u ghalhekk l-appellant gie li kien jappartjeni ghal dik l-ghaqda li twaqqfet barra minn Malta. Is-subartikolu (5) tal-artikolu 83A jipprovdi: "**L-azzjoni kriminali ghal reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista' ssir f'Malta minkejja li l-ghaqda ta' persuni jkollha bazi jew tkun tmexxi l-attivitajiet kriminali taghha barra minn Malta"**. B'dan is-subartikolu, il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin tigi estiza ghal tali ghaqda mwaqqfa Malta li jkollha bazi jew tmexxi l-attivitajiet kriminali taghha barra minn Malta. Dan is-subartikolu ma japplikax bil-kontra. Ghalhekk l-appellant*

*ma setax jinstab hati taht l-artikolu 83A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

21. Dan ifisser li bl-applikazzjoni ta' dan l-insenjament, li huwa issa abracjat minn din il-Qorti, l-appellanti ghandhom ragun ukoll f'din il-parti tal-ewwel aggravju taghhom. Ghalhekk f'cirkostanza ta' nuqqas ta' provi l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment issib htija fl-imputati kwantu l-ewwel imputazzjoni u ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun akkolt;

22. It-tieni gravam tal-appellanti huwa dwar is-sejben ta' htija fit-tieni imputazzjoni u dwar dan iressqu agrumenti ta' natura legali li bihom jillanjaw illi l-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar assocjazzjoni f'Malta ma' persuni f'Malta jew barra minn Malta u li fil-kaz odjern, l-appellanti kienu imputati b'assocjazzjoni li sehhet bejniethom waqt li kienu barra minn Malta u li ghalhekk ma setghux jinstabu hatja bi ksur ta' dan l-artikolu. L-appellanti jaghmlu referenza ghall-insenjament emergenti mis-sentenza gia citata Fabio Zulian;

23. Tajjeb li qabel xejn jinghad illi r-reat ipotizzat fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, dak tal-assocjazzjoni bil-ghan ta' kommissjoni ta' delitti punibbli bi prigunerija huwa differenti minn dak tal-attentat ta' reat ex artikolu 41 u tal-organizazzjoni kriminuza ex artikolu 83A tal-Kodici Kriminali u l-elementi li jikkostitwuhom. Ir-reat tal-assocjazzjoni, li huwa wiehed mill-atti preparatorji ghar-rejat konsmat jew attentat u li ghalhekk jista' jirrizulta indipendentement mill-kommissjoni tar-reat mahsub jew it-tentattiv tieghu jirrikjedi l-konkorrenza ta' tlett elementi: il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar; l-intenzjoni li jsir ir-reat (specifikat u mhux wiehed generiku); u pjan ta' azzjoni miftiehem.

Is-sejbien ta' htija o meno jitfa' oneru gravuz fuq il-Qorti biex tinterpreta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-konkorrenza ta' dawn it-tlett elementi b'mod partikolari ghaliex ma hemmx dik il-prezunzjoni feroci kontra l-imputat bhala per ezempju fir-reat kontemplat fl-artikolu 287 tal-Kapitolu 9;

24. Fil-Kenny's OUTLINES OF CRIMINAL LAW –Ninth Ed, 1966 hemm esposizzjoni tajba hafna tat-tifsira ta' dan ir-reat:

**Pg. 101: But so far as the law of the present day is concerned the House of Lords has declared (a) that the gist of conspiracy is the agreement, whether or not the object is attained; and (b) that the purpose of making such agreements punishable is to prevent the commission of the substantive offence before it has even reached the stage of attempt, and (c) that is all part and parcel of the preservation of the Queen's peace within the realm.**

**Pg 431: As to the evidence admissible, the principlesa are just the same for consipracy as for other crimes. But owing to two precularities in the circumstances to which those principles are here applied, it ofern seem as if there were an unusual laxity in the modes of giving proof of an accusation of conspiracy. For (a) it rarely happens that the actual fact of the consipiring can be proved by direct evidence, since such agreements are usually entered into both swiftly and secretly. Hence they ordinarily can be proved only by an inference from the subsequent conduct of the parties, in committing some overt act which tend so obviously toward the alleged unlawful result as to suggest that they must have arisen from an agreement to bring it about. Upon each of several isolated doings a conjectural interpretation is put; and from the aggregate of these interpretations an inference is draw.**

25. Imbaghad, Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 in rigward jghid hekk:

**The essence of consipracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself .... Nothing may be done in pursuit of the agreement ...The**

**agreement may be proved in the usual way or by proving circumstance from thisn the jusry may presume it. ...Proof of the existenxe of a consipracy is generally a matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them.....**

**The agreement may be proved in te usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: *R.v. Parsons* (1763) 1 W.Bl. 392; *R.v. Murphy* (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a consipiracy is generally a 'matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them: *R. v. Brisac* (1803) 4 East 164 at 1717, cited with approval in *Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317".**

26. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Frar, 2009 fl-ismiijiet **The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden** jemergi insenjament interessanti ta' kif jista' jkun pruvat dan ir-reat b'mod inferenzjali. Filwaqt illi l-Qorti abbracjat it-taghlim tal-Archbold citat *supra* ghamlet referenza ukoll ghall **Blackstone's Criminal Practice** fejn kien ritenut hekk:

**"There are no special evidential rules peculiar to consipiracy. In *Murphy* (1837) C C 7 P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced fromcertain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, *inter alia*, by direct testimony, secret recordings or confessions..."**

27. Ventilati dawn il-hsibijiet generali dwar ir-reat in disamina, jokkorri ezami tal-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

48A.(1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel

delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta'assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.

(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.

(3) Kull min jinsab ħati ta' assoċjazzjoni taħt dan l-artikolu jista' jeħel il-piena għal delitt ikkunsmat li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, mnaqqsa b'żewġ gradi jew tlieta.

(4) Għall-għanijiet tas-subartikolu (3), sabiex tiġi stabbilita l-piena għar-reat sħiħ li jkun l-għan tal-assoċjazzjoni, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jaggravaw dak ir-reat.

Huwa ormai palezi kif gia senjalat illi ghall-prova tal-assocjazzjoni, oltre dak konsiderat *supra* dwar l-inferenza, jehtieg il-konkorrenza ta' tlett fatturi: a) il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar; b) l-intenzjoni li jkun kommess rejat specifiku; u il-metodu adoperat ghall-esekuzzjoni tal-pjan. Dan kollu, imbaghad hu soggett ghad-diskussjoni dwar il-lok ta' fejn ikun sar dan il-ftehim ghaliex dan iqanqal kwistjoni ta' guridizzjoni kif ser ikun diskuss aktar 'l isfel;

28. Mill-provi akkwiziti jemergi illi z-zewg imputati ghandhom konoxxenza ta' xulxin tant li qatghu il-biljetti tal-ajru u ghamlu prenotazzjoni tal-appartament flimkien, anzi wiehed hallas ghall-akkomodazzjoni peress illi l-iehor ma kienx mieghu f'dak il-hin. L-imputati alloggjaw flimkien matul is-soggorn taghhom u anke kienu flimkien waqt il-btala taghhom hlief ghal xi okkazzjoni wahda qasira. F'bagalja li kienet fil-pussess ta' l-imputat Blagoy, instabu zewg hadidied irqaq li mill-perizja

irrizulta li jintuzaw ghall-*deep insert skimming* fuq ATM's. F'bagalja ohra li kienet fil-pussess ta' l-imputat Spas instab *hard drive* li mill-perizja esperta rrizulta li kien fih sighat twal ta' filmati ta' *keypad* ta' ATM's b'okkazzjonijiet fejn persuni jidhru qed idahhlu n-numru tal-*pin* taghhom waqt uzu tal-istess ATM. L-imputati isibu eccezzjoni kwantu ghas-sejbien taz-zewg bicciet hadid u tal-filmati;

29. Kwantu l-hadid, l-imputat Blagoy jghid li dawn sabhom fil-bagalja li hu ssellef minghand habib tieghu lura fil-Bulgarija. Ghalkemm l-imputat semma lill-habib tieghu b'ismu, il-Qorti ma tistax tqis bhala verosimili l-verzjoni tieghu wara li xehed li hu negozjant self-employed li ghandu bar gewwa Raddison Holiday Resort il-Bulgarija u jahdem bhala dealer tal-karozzi fix-xitwa u minkejja dan kellu ghalfejn jissellef bagalja minflok jixtri wahda oltre li jghid li jsiefer ta' spiss. Il-Qorti, bhal dik ta' qabilha tal-ewwel grad ma hi xejn konvinta mir-raguni mressqa mill-imputat Blagoy;

30. Dwar dawn il-hadid, l-imputati jillanjaw illi ma nstabu ebda impronti digitali fuqhom. Dan mhux ghaliex kienu ezaminati u ma nstab xejn izda ghaliex ma kienux ordnati tali ezamijiet. Fil-mistoqsijiet maghmula lill-espert tekniku ddomandaw jekk dawn setghux jitqiesu bhala *skimmers* u l-espert wiegeb li ma jahsibx. L-imputati ghamlu kapital minn din it-twegiba izda dan ma mpressjonax lill-Qorti ghar-raguni illi l-hadid in kwistjoni certament ma humiex *skimmers* izda huma l-ghodda li bihom wiehed jista jintroduci *deep skimmers* gewwa l-*card reader* tal-ATM. L-istess ghodda, kif konfermat mill-esperti, tista' tintuza biex sussegwentement tohrog id-*deep insert*

*skimmer* minn gol-ATM sabiex b'hekk tkun tista' tinqara mill-malvivent. Din il-Qorti ma ghandhiex l-icken dubju li dawk il-hadid huma l-ghodda mehtiega ghall-*deep insert skimmer* u ghandhom l-istess valur probatorja daqs lieva misjuba fil-pussess ta' persuna intercettata f'cirkostanzi li juri li kienet fi hsiebha jew fil-process ta' sgass;

31. Kwantu l-filmati, din il-Qorti ttentat tezamina l-*pen drive* esebit mill-espert tal-Qorti a fol 131 li suppost, ossia jinghad, li kien jikkontjeni replika tal-filmati misjuba fuq il-*hard disk* pero' dan kien inutili ghaliex id-data kienet *corrupted* anke jekk is-sigill tal-esebit kien intatt. Ghalhekk din il-Qorti ordnat rikostruzzjoni tieghu u minn dan jirrizultaw filmati ta' sighat twal ta' osservazzjoni tal-parti tal-*keypad* ta' ATM's kif spjegat s*upra* . Illi ghalhekk, dawn il-hadid flimkien mal-filmati ta' ATM *keypads* ma jhallu l-ebda dubju li l-imputati kienu jinsabu Malta ghall-twettieq ta' reati in konessjoni ma' frodi fuq ATM's;

32. Dan wahdu izda ma huwiex bizzejjed sabiex tinsab htija fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali ghaliex l-allegata assocjazzjoni jehtieg li tkun saret f'Malta. Din hija kwistjoni ta' gurisdizzjoni fejn il-ligi tippunixxi assocjazzjoni maghmula fuq artna u mhux f'barra mix-xtut taghna. Dak li l-ligi tittanta tipprevjeni huma assocjazzjonijiet ghal-skopijiet kriminali maghmula f'Malta. Issa jekk l-assocjazzjoni tkun sehhet barra minn pajjizna u l-assocjati jaslu Malta biex iwettqu dak li ftehmu l-artikolu 48A ma jistghax ikun imgebbed b'mod li wiehed jargumenta illi l-wasla f'Malta tal-assocjati tista' titqies bhala xi forma ta' novazzjoni bhalma jokkorri fil-kamp civili. Dak li jsehh f'Malta mall-wasla tal-assocjati fil-pajjiz huwa mbaghad soggett

ghall-provvedimenti ohra tal-ligi fosthom dawk dwar pussess ta' oggetti, l-attentat u l-kommissjoni tar-reat;

33. L-aspett ta' gurisdizzjoni komponenti dan ir-reat gia kien ezaminat u deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza gia citata Il-Pulizija vs Fabio Zulian tat-12 ta' Mejju 2015 citat ukoll mill-appellati. F'dak il-kaz intqal illi "*Mic-cirkostanzi tal-kaz jidher illi tali pjan tfassal barra minn Malta. L-appellanti u l-komplici gew Malta sabiex iwettqu dak il ftehim. Kwindi ma setax jinstab hati skond l-artikolu 48A imsemmi*". Din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandu jkollha ripensament dwar dak hemm deciz u ghalhekk ser timxi fuq l-istess principju decizorju b'dan illi ghalhekk l-appellanti ghandhom ragun f'dan l-aggravju u li konsegwentement qed ikun akkolt;

34. It-tielet aggravju jirrigwarda l-pussess taż-żewġ ħadidiet u jolqot s-sejbien ta' htija fil-konfront biss ta' Kitanchew Blagoy Zhorov stante li hu wahdu kien imputat b'dan ir-reat ravvizat fl-artikolu 310BA tal-Kodici Kriminali. Is-subartikolu (1) tal-dan l-artikolu jiddisponi hekk:

> **310BA (1) Kull [min], jinstab fil-pussess ta' jew ikollu taht il-kontroll tieghu xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi, ikun hati ta' reat u jehel, meta jinstab hati, prigunerija ghal zmien minn sitt xhur sa tliet snin u l-konfiska ta' dawk l-oggetti.**

35. Fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju l-appellant jallega "xiehda konflingenti" u jatribwixxi dan ghall-konkluzzjonijiet raggunti mill-espert nominat biex jezamina dawn iz-zewg bicciet

hadid. Il-Qorti gia esprimiet ruhha dwar dan u ma ghandha l-ebda dubbju li dan il-hadid huwa uzat bhala ghodda ghall-*deep insert skimming.* Dawn m'humiex *skimmers* anke jekk l-espert ghal-mistoqsija mid-difiza wiegeb li ma kellux informazzjoni bizzejjed biex jiggudika. Minkejja dan kien car meta qal li *skimmers* ma jkunux hekk. Il-konvinciment tal-Qorti huwa msahhah bil-fatt illi fil-pussess tal-appellant l-iehor instabu dawk il-filmati ta' *keypads* ta' ATM's jekk qatt kien hemm bzonn ta' xi prova ohra. Ghalhekk ma hemmx dak id-dubju allegat mill-appellanti li ghandu jmur favur tieghu kwantu l-uzu li jista' jsir minn dan il-hadid;

36. L-appellant jressaq ukoll l-argument illi huwa kien ikkontesta l-fatt illi il-hadid kien jappartjeni lilu. Il-Qorti ukoll esprimiet ruhha dwar dan il-pussess fil-konisderazzjonijiet taghha *supra* u a skans ta' ripetizzjoni ttenni biss li ma ghandha l-ebda dubju li dan il-hadid kien jappartjeni lilu ghaliex ma emmnitx, ghar-ragunijiet hemm esposti, li l-basket li kienu jinsabu fih kien issellfu minghand habib fil-Bulgarija;

37. Jargumenta ukoll l-appellant illi fil-hin tal-arrest tieghu hu indika li l-bagalja li kien fiha l-hadid kienet tieghu izda meta interrogat fil-presenza ta' interpretu innega li l-hadid kien jappartjeni lilu. L-appellant mhux qed jiddistingwi bejn il-hadid u l-basket. Dak il-basket kien uzat minnu u ma hemm l-ebda dubju dwar dan. X'kien fih il-basket hija kwistjoni ohra li l-gudizzju in rigward issir, kif saret, skond il-provi mressqa. Dan l-agravju ghalhekk qed ikun michud;

38. Illi kwantu l-aggravji numru 4, 5, 6 u 7, l-Qorti jidrilha li kienu debitament konisderati f'dawn il-konsiderazzjonijiet li bihom waslet ghall-akkoljiment tal-ewwel u t-tieni aggravji kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni. Jifdal ghalhekk il-kwistjoni tal-piena emergenti mit-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata u din fejn tolqot lill-appellant Kitanchew Blagoy Zhorov stante li l-aggravji dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni huma akkolti;

39. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi thassarha f'dik il-parti li biha sabet liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom u kkundannat lill Kitanchew Blagoy Zhorov ghal sitt snin prigunerija u lil Polihronov Spas Gerogiev ghal-hames snin prigunerija u ghal-hlas ta' nofs kull wiehed tal-ispejjez peritali ammontanti ghall- €3,101.91 u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux hatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u tilliberahom minnhom izda tiddikjara lil Kitanchew Blagoy Zhorov hati tat-tielet imputazzjoni u tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) oltre l-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti igifieri ghall- €432.70 biss (Samuel Farrugia a fol. 56 et seq), li huma l- ispejjez li kellhm x' jaqsmu mat tielet imputazzjoni.

Tordna inoltre l- konfiska tal- esebiti.